**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Gabriel Kitcher)**

**Vs**

**OMISSIS**

**Kumpilazzjoni Numru: 564/23**

Illum id-19 ta' Ġunju, 2025

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **OMISSIS**, bin missier mhux magħruf u **OMISSIS**, imwieled Tal-Pieta', nhar l-24 ta' Jannar 2006, u residenti '**OMISSIS**, bil-karta tal-identita' numru **OMISSIS** talli nhar l-15 ta' Marzu 2023, u l-ġranet ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti kienu jikkonsistu f’mutur tal-għamla Honda bin-numru ta’ reġistrazzjoni DCF 684;

U nakkużah ukoll talli nhar l-4 ta’ Lulju 2023, ġewwa dawn il-gżejjer,

2. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b’mod ieħor lil Jean Paul Barbara u Fiona Briffa;

3. Permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika, għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

U talli nhar il-25 ta’ Ġunju 2023 u fil-ġranet u x-xhur ta’ qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer,

4. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat V. Axiaq LL.D fid-digriet tiegħu tal-4 ta’ Jannar 2022 li bih ta il-ħelsien mill-arrest.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’każ ta’ ħtija, tipprovdi għall-**Jean Paul Barbara u Fiona Briffa**, jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **OMISSIS** b’obbligazzjoni taħt penali ta’ somma ta’ flus li tiġi ffissata mill-Qorti bill tapplika l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Lulju, 2023[1] minn fejn jirriżulta waqt l-istess imsemmija seduta l-akkużi hawn fuq ċitati ġew moqrija u kkonfermati bil-ġurament mill-Ispettur Gabriel Kitcher;

Rat id-dokumenti esebiti senjatament:

(a) Stqarrija tal-imputat datata 22 ta' Lulju, 2023[2];

(b) L-okkorrenza bir-referenza numru 7/POL/4277/2023, datata 4 ta' Lulju, 2023[3];

(c) L-okkorrenza bir-referenza numru 3/POL/885/2023, datata 22 ta' Frar, 2023[4];

(d) Fedina Penali tal-imputat[5];

(e) Ċertifikat tat-twelid tal-imputat[6];

(f) Ittra bid-drittijiet[7];

(g) Serje ta' *chats*[8];

(h) Stqarrija ta' Jean Paul Barbara datata 25 ta' Ġunju, 2023[9];

(i) Rinununzja tad-drittijiet ta' Jean Paul Barbara[10];

---

[1] Ara a fol 4 et seq tal-proċess
[2] Ara Dok. KG esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Lulju, 2023, a fol 9 et seq tal-proċess
[3] Ara Dok. KG1 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Lulju, 2023, a fol 12 et seq tal-proċess u ara Dok. FB2 esebit minn Fiona Briffa fis-seduta tat-3 ta' Awissu, 2023, a fol 80 et seq tal-proċess, a fol 147 et seq tal-proċess esebit minn PS2390 Annemarie Coleiro fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2024
[4] Ara Dok. KG2 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Lulju, 2023, a fol 16 et seq tal-proċess
[5] Ara Dok. KG3 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Lulju, 2023, a fol 9 tal-proċess
[6] Ara Dok. KG4 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Lulju, 2023, a fol 20 tal-proċess
[7] Ara Dok. KG5 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Lulju, 2023, a fol 21 et seq tal-proċess
[8] Ara Dok. KG6 u KG7 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Lulju, 2023, a fol 23 tal-proċess
[9] Ara Dok. KG8 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Lulju, 2023, a fol 24 et seq tal-proċess
[10] Ara Dok. KG9 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Lulju, 2023, a fol 26 tal-proċess

(j) Talba għall-ħruġ ta' mandat ta' arrest u perkwiżizzjoni datata 18 ta' Lulju, 2023 u l-mandat ta' arrest u tfittxija[11];

(k) Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat fil-konfront ta' Jean Paul Barbara datata 23 ta' Lulju, 2023[12];

(l) Nota tas-Senior Probation Officer Gordon Grech datata 1 ta' Awissu, 2023[13];

(m) Serje ta' *chats*[14];

(n) Okkorrenza bir-referenza numru 7/POL/4760/2023 datata 23 ta' Lulju, 2023[15];

(o) Nota ta' andament tal-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia datata 5 ta' Settembru, 2023[16];

(p) *VERA Vehicle Details*[17];

(q) Dettalji ta' liċenzji tas-sewqan appartenenti lil OMISSIS[18];

(r) Digriet tal-Kundizzjonijiet għall-Ħelsien mill-Arrest[19];

(s) Nota tas-Senior Probation Officer Antonella Debono datata 21 ta' Ottubru, 2024[20];

---

[11] Ara Dok. KG10 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Lulju, 2023, a fol 27 et seq tal-proċess
[12] Ara a fol 29 tal-proċess, esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta datata 23 ta' Lulju, 2023
[13] Ara a fol 34 tal-proċess
[14] Ara Dok. FB1, FB3, FB5, FB6, FB7 esebiti mill-parte civili Fiona Briffa fis-seduta tat-3 ta' Awissu, 2023, a fol 77 et seq tal-proċess, a fol 84 et seq tal-proċess, a fol 100 et seq tal-proċess, a fol 103 et seq tal-proċess u a fol 105 et seq tal-proċess rispettivament
[15] Ara Dok. FB4 esebit mill-parte civili Fiona Briffa fis-seduta tat-3 ta' Awissu, 2023, a fol 97 et seq tal-proċess
[16] Ara a fol 126 tal-proċess
[17] Ara Dok. CS1 esebit minn Dr. Christopher Spiteri bħala rappreżentant tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2024, a fol 151 et seq tal-proċess
[18] Ara Dok. CS2 esebit minn Dr. Christopher Spiteri bħala rappreżentant tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2024, a fol 156 tal-proċess
[19] Ara Dok. AR1 esebit mill-Ispettur Andy Rotin fis-seduta tal-25 ta' Marzu, 2024, a fol 164 tal-proċess
[20] Ara a fol 186 tal-proċess

(t) Pre-Sentencing Report ġuramentat fil-konfront ta' OMISSIS redatt mill-Uffiċjal tal-Probation datat 5 ta' Settembru, 2024[21];

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Fiona Briffa**[22] waqt is-seduta tat-3 ta' Awissu, 2023 li permezz tagħha ddikjarat li fil-15 ta' Marzu, 2023 irċiviet telefonata mill-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan. Qalulha li t-tifel tagħha ġie miżmum l-għassa u talbuha tmur hemm. Meta marret informawha li t-tifel tagħha instab b'mutur misruq. Iżżid tgħid li meta kienu qegħdin jistennew sabiex il-Pulizija tkellem lit-tifel staqsietu jekk dak li nfurmaha dwaru l-Pulizija kienx veru jew le, binha qalilha li kien xtrah mingħand OMISSIS. Tkompli tispjega li sakemm binha kien il-*lock up* kellmet lil Dale u staqsietu jekk kienx vera li biegħ mutur lil binha b'dan li l-istess Dale wieġeb fl-affermattiv. Wara xi nofs siegħa, reġa' ċemplilha Dale u qalilha biex ma jgħidux li xtrawh mingħandu għax iġibuh fl-inkwiet. Tesebixxi messaġġi li bagħtilha fuq *messenger*. Tgħid li taf li l-imputat hu tifel perikoluż. Tispjega li hi u t-tifel tagħha ħaġa waħda iżda fuq din il-ħaġa ma riedx jobdiha – aspett li tista' tifhem minħabba li għandu kundizzjoni u ċioe' dik tal-ADHD. Tkompli tixhed li l-imputat quddiemha qal lit-tifel tagħha sabiex ipejjep il-ħaxixa għax minħabba l-ADHD iħossu aħjar u tgħid ukoll li l-istess Dale ġieli jkun b'mus fil-but.

Ix-xhud tkompli tixhed li meta tal-LESA qabdu lil binha, kien qed isuq ħabib tiegħu li nesiet x'jismu. Ċemplu l-Pulizija u informawhom li l-mutur kien misruq u kien hemm li binha sar jaf li l-mutur kien misruq. Binha nfurma lill-Spettur li l-għamla tal-mutur kien HONDA, u xtrah ħames mitt ewro (€500). Ix-xhud imbagħad tgħid li wara dan kollu beda t-theddid b'dan li għall-ewwel tlett theddidiet ma tatx kas iżda mbagħad marret tirraporta. Għandha rapport fuq Dale fejn qalilha li jkun ħażin għalih jekk Jean isemmih. Imbagħad saru rapporti fil-konfront t'omm OMISSIS, Dorothy Schembri peress li din tal-aħħar qaltilha biex ma toqgħodx tindaħal fuq binha għax ħa taqbżilha l-molla u li jekk trid, tista' turi l-messaġġi lill-Qorti. Ix-xhud tindika lill-istess Dorothy Schembri fl-awla.

[21] Ara a fol 12 et seq tal-proċess, ippreżentant fil-5 ta' Settembru, 2024
[22] Ara a fol 42 et seq tal-proċess

Ix-xhud tkompli tispjega li omm Dale qaltilha wkoll li jekk ittellef il-ħelsien mill-arrest lil binha b'xi mod jew ieħor ser toħodhom – kliem li x-xhud interpretat li kienet ser tisraqha. Tkompli tispjega li għanda *chat* bejnha u bejn it-tifel fis-sagħtejn u kwart ta' filgħodu biex Dale jorqod id-dar tagħha meta suppost għandu jkun id-dar fl-għaxra ta' filgħaxija. Tgħid ukoll li huma mbeżżgħin ħafna, speċjalment fuq it-tifel tagħha li jagħmlulu xi ħaġa għax temmen li dak li ma jagħmilx l-imputat, jagħmluh sħabu;

Rat li fis-seduta tat-3 t'Awwissu, 2023 Jean Paul Barbara ddikjara li ma kienx ser jixhed sabiex ma jinkriminax ruħu[23];

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **PC2435 Stefan Gherxi**[24] waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru, 2023 li iddikjara illi kien assista fuq stqarrija fuq serq ta' mutur mmarkata bħala Dok AG1, u fuq l-istess stqarrija hemm il-firma tal-ispettur, tiegħu u tal-imputat;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Elton Cauchi**[25] waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru, 2023 li ddikjara illi kien għamel rapport fit-23 ta' Frar, 2023 meta ħareġ mid-dar f'Ħaż Żabbar, mar għall-mutur u ma sabux. Il-mutur kien Honda VCX abjad, kien jiswa madwar elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), u l-aħħar li ra l-mutur kien ġurnata qabel u ċioe' fit-22 ta' Frar, 2023. Jiddikjara li  n-numru ta' reġistrazzjoni kien BCD 684. Fuqu kellu *sticker* tonda imwaħħla mal-ġenb tan-numru tar-reġistrazzjoni u kellha impinġija ras ta' skeletru. Wara li nsteraq baqgħu ifittxuh u nstab ġo parkeġġ faċċata tar-Radisson, San Ġiljan u minn abjad kien ta' kulur iswed;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **PS 2390 Anne Marie Coleiro**[26] waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar, 2024 li tiddikjara li fis-7 ta' Lulju, 2023 kienet stazzjonata tas-Sliema. Kollega tagħha informatha li daħal rapport fuq insulti u theddid li sar permezz ta' *mobile*. Il-kwerelanta Fiona Briffa stqarret li bdiet tirċievi kemm hi u kemm binha Jean Paul Barbara, messaġġi mingħand ċertu OMISSIS li qalilha biex binha ma jsemmihx fuq każijiet li kien

[23] Ara Dok. AC1, a fol 32 et seq tal-proċess u a fol 112 et seq tal-proċess
[24] Ara a fol 135 et seq tal-proċess
[25] Ara a fol 137 et seq tal-proċess
[26] Ara a fol 146A et seq tal-proċess

involut hu ma' Dale f'rapporti oħra. Tathom il-messaġġi u ġiet infurmatha li Dale kien tressaq minn Spettur Kitcher u ppreżentat r-rapport[27];

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr. Christopher Spiteri bħala rappreżentant tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta**[28] waqt is-seduta tal-20 ta' Frar, 2024 u li permezz tagħha jiddikjara li ġew mitluba dokumentazzjoni tal-vettura DCF 684 iżda nbidlet in-numru tar-reġistrazzjoni u issa hija NIC 011 li hu mutur tal-għamla Honda WW 125 EX 2 u ppreżenta d-dokumentazzjoni mmarkata bħala Dok. SC1. Jikkonferma li OMISSIS bin-numru tal-karta tal-identita' 38706L m'għandu ebda liċenzja tas-sewqan.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Ispettur Andy Rotin**[29] waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu, 2024 li jiddikjara li fis-sena 2022 kien stazzjonat l-Għassa tal-Ħamrun liema distrett kien jieħu ħsieb id-distrett tar-Rabat. Kellu investigazzjoni fejn is-suspettat kien OMISSIS (li jagħraf fl-Awla), liema investigazzjoni wasslet biex jinħarġu l-akkużi kontrih. Jispjega li l-istess OMISSIS kien tressaq taħt arrest u kien ingħata l-ħelsien mill-arrest b'dan li jippreżenta vera kopja tad-Digriet u kundizzjonijiet tal-Ħelsien mill-Arrest fil-kawża Pulizija vs OMISSIS tal-4 ta' Jannar 2022, maħruġa mill-Maġistrat Dr. Victor Axiaq li *għadu in vigore*[30].

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Ispettur Gabriel Kitcher**[31] waqt is-seduta tat-30 ta' April, 2024 li jiddikjara li l-involviment tiegħu kien li ħa l-istqarrija tal-imputat fit-22 ta' Lulju, 2023 fl-uffiċju tiegħu ġewwa Bormla. Jispjega li l-istqarrija fiha tlett paġni u jagħraf il-firma tiegħu fuq kull dokument. Jikkonferma li l-istqarrija ttieħdet fil-preżenza tal-imputat, Dorothy Schembri, li tiġi ommu u PC 2435. Lill-imputat sarulu diversi domandi iżda ma wieġeb għall-ebda u ffirma l-istqarrija. Ix-xhud jagħaraf lill-imputat preżenti fl-awla. Iżid jgħid li mbagħad l-għada OMISSIS tressaq il-Qorti fejn kien ressqu u fetaħ il-proċeduri huwa u kien kompliha l-Ispettur Antonello Magri.

[27] Ara a fol 147 et seq tal-proċess
[28] Ara a fol 150A et seq tal-proċess
[29] Ara a fol 163a et seq tal-proċess
[30] Ara Dok. AR1 a fol 164 tal-proċess
[31] Ara a fol 169 et seq tal-proċess

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Jean Paul Barbara**[32] waqt is-seduta tat-30 ta' April, 2024 li ddikjara li kellu akkużi relatati ma' dan l-inċident u l-każ tiegħu llum huwa *res judicata*. B'referenza għal Dok. KG8 jispjega li kienet l-istqarrija irrilaxxata minnu fuq mutur li kien misruq tal-għamla Honda BCX. Jispjega li kien xtara l-mutur bejn Frar u Marzu 2023 mingħand OMISSIS, li kien jiswa ħames mitt ewro (€500) u dakinhar stess kien qed isuqu ħabib tiegħu Wesam u qabduh. Hu kien ipparkjah u kien mar uffiċjal tal-LESA. In-numru tar-reġistrazzjoni ma jiftakrux għaliex kienet miżbugħa.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Wesam Abusgahur**[33] waqt is-seduta tat-30 ta' April, 2024 li ddikjara li kellu każ relatat ma dan l-inċident u huwa *res judicata*. Qal li Jean Paul xtara mutur, għaliex kien qallu hu stess u ma kienx preżenti meta xtrah. Kienu saquh ħdejn il-bandli ta' Pembroke;

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2024[34], l-Spettur Gabriel Kitcher reġa' qara u ħalef l-akkużi fil-konfront tal-imputat bil-ġurament;

Rat li waqt l-istess seduta tal-11 ta' Jannar 2024[35] il-partijiet eżentaw lil din il-Qorti milli terġa' tisma' x-xhieda li ġja instemgħu;

Rat li l-imputat iddikjara li hu ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu waqt is-seduta ta' nhar it-13 ta' Ġunju, 2024[36];

Rat li din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' wara li l-imputat waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2024 wieġeb li hu ħati, wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tagħtu żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-Avukat tiegħu li l-Qorti għaddiet sabiex tagħti każ din l-ammissjoni tiegħu.

---

[32] Ara a fol 171 et seq tal-proċess
[33] Ara a fol 175 et seq tal-proċess
[34] Ara a fol 144 et seq tal-proċess
[35] Ara a fol 144 et seq tal-proċess
[36] Ara a fol 182 et seq tal-proċess

Il-Qorti ma tqisx illi hemm raġuni tajba *ai termini* tal-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex tiddubita li *nonostante* l-ammissjoni tiegħu, l-imputat effettivament m'huwiex ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk, li l-akkużi huma sodisfaċjentement ippruvati;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat id-Digriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2024 u li permezz tiegħu din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jiġi preżentat *pre-sentencing report* abbażi tal-Artikolu 6(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta[37];

Rat ir-rikors datat 26 ta' Novembru, 2024[38] tal-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia permezz ta' liema informat lil Din il-Qorti li l-imputat ma huwiex qed jikkopera u jattendi, li meta ġie kkonfrontat dwar dan talab sabiex tinbidel l-uffiċjal u għalhekk ma setax jiġi esegwit l-inkarigu, u għalhekk talbet gwida jekk għandiex tkompli tibgħat għall-imputat *ai fini* ta' tħejjija ta' *pre-sentencing report*;

Ra' n-nota ta' andament datat 26 ta' Novembru, 2024[39] tal-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia permezz ta' liema informat li l-imputat qed jiġi segwit fuq Ordni ta' Superviżjoni maħruġa mill-Maġistrat[40] Dr. Natasha Galea Sciberras fit-23 ta' Lulju, 2023 fuq il-każ odjern. Kompliet tinforma li mill-aħħar nota ta' andament datata 16 ta' Ottubru, 2024, fejn kienet informat lill-Qorti bin-nuqqas ta' attendenza tal-imputat fil-konfront tal-ordni proviżjorja ta' superviżjoni, bdiet tibgħat għall-imputat *ai fini* ta' rapport li ntalab fis-17 ta' Ottubru, 2024. Intbagħtet ittra kemm fuq l-indirizz ta' ommu u kemm fuq ta' nanntu liema indirizz tal-aħħar huwa indikat fl-akkużi. L-appuntament kien għall-1 ta' Novembru, 2024 b'dan li l-imputat m' attendiex. Għamlet kuntatt miegħu permezz tat-telefon fejn sostna li kien diffiċli għalih li jattendi għall-appuntamenti minħabba x-xogħol li kien ġewwa l-istabbiliment tal-Lidl. Għalkemm l-uffiċjal insistiet li kien importanti li jattendi għall-

[37] Ara a fol 184 tal-proċess
[38] Ara a fol 189 tal-proċess
[39] Esebit mill-Uffiċjal tal-Probation, ara a fol 190 et seq tal-proċess
[40] Illum Imħallef

appuntament speċjalment għaliex il-Qorti talbet sabiex isir ir-rapport u jrid ikun ppreżentat sal-aħħar tax-xahar, l-imputat baqa' jinsisti li diffiċli għalih u li kien ser ikellem lill-avukat tiegħu. Sar ftehim li meta jkollu r-*roster* f'idu għal-ġimgħa ta' wara kien ser jibgħat lill-uffiċjal meta ma jkunx xogħol fejn kien informaha li kien xogħol ġimgħa sħiħa. Fil-1 ta' Novembru, 2024 bagħat lill-uffiċjal li seta' jiltaqa' magħha fl-14 ta' Novembru, 2024 iżda ma setgħetx minħabba impenji tax-xogħol oħra. Wara diversi kommunikazzjonijiet fejn ma setgħux jaqblu fuq appuntament l-imputat sostna li xtaq jibdilha u semma' li kien ser ikellem lill-avukat tiegħu. Ikkonkludiet li b'dak l-atteġġjament l-imputat qed juri biċ-ċar li ma huwiex bniedem affidabbli u li l-iskop tas-superviżjoni fil-konfront tiegħu mhux qed tintlaħaq u ma jinħasx li huwa idoneu għal superviżjoni fil-komunita';

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2025[41] l-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia kkonfermat li l-imputat attenda seduta waħda biss u l-Qorti dderiġietha sabiex tagħti l-appuntamenti lill-imputat b'dan li jekk tali appuntmenti ma jinżammux, l-istess Uffiċjal għandha tgħaddi għar-rapport tagħha u tagħti r-rakkomandazzjonijiet li jidhrilha;

Rat il-*Pre-Sentencing Report* ġuramentat fil-konfront ta' OMISSIS redatt mill-Uffiċjal tal-Probation datat 13 ta' Marzu, 2024[42];

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2025[43], din il-Qorti wara li rat ir-rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation reġgħet saqsiet lill-imputat jekk jikkonfermax l-ammissjoni tiegħu jew le u tagħtu l-opportunita' għal darb'oħra sabiex ikellem lill-Avukat tiegħu preżenti fejn l-imputat reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu *seduta stante*;

Rat n-nota t'andament tal-Uffiċjal tal-Probation datata 3 ta' Ġunju, 2025[44] permezz ta' liema informat lil Qorti li wara li ppreżentat il-*Pre-Sentencing Report*, l-imputat attenda

---

[41] A fol 191 et seq tal-proċess
[42] Ara a fol 195 et seq tal-proċess, ippreżentant fis-7 ta' Marzu, 2025 mill-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia
[43] Ara a fol 215 tal-proċess
[44] Ara a fol 216 et seq tal-proċess

appuntament fl-10 ta’ April, 2025 u fit-2 ta’ Ġunju, 2025 fejn issottometta ruħu għal-test tal-awrina li irriżulta fil-pożittiv għal-kannabis;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-proċediment, il-provi u d-dokumenti kollha esebiti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Legali</u>**:

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar l-15 ta’ Marzu 2023, u l-ġranet ta’ qabel ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti kienu jikkonsistu f’mutur tal-għamla Honda bin-numru ta’ reġistrazzjoni DCF 684.

U nakkużah ukoll talli nhar l-4 ta’ Lulju 2023, ġewwa dawn il-gżejjer,

2. Insultena, hedded jew inġurja bi kliem jew b’mod ieħor lil Jean Paul Barbara u Fiona Briffa;

3. Permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika, għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

U talli nhar il-25 ta’ Ġunju 2023 u fil-ġranet u x-xhur ta’ qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer,

4. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat V. Axiaq LL.D fid-digriet tiegħu tal-4 ta’ Jannar 2022 li bih ta il-ħelsien mill-arrest.

L-imputat wieġeb li hu ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tara li m'għandhiex triq oħra ħlief li tiddikjara li l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat ġew sodisfaċentement pruvati.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti qiegħda tieħu s-segwenti fatturi in konsiderazzjoni:

1. L-ammissjoni tal-imputat li ċertament ma jistax jingħad li saret fi stadju bikri tal-proċeduri b'dan li laħqu nstemgħu diversi xhieda u tressqu diversi provi u għalhekk il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess[45] u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutili għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja trid tittieħed f'dan il-kuntest;

2. L-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet;

3. L-imputat għadu minorenni u għalhekk apparti li jibbenifika minn tnaqqis tal-gradi fil-piena minħabba l-eta' tiegħu, din il-Qorti trid li tagħti l-opportunita' lill-istess imputat biex jaqbad it-triq tas-sewwa;

4. Ir-rakkomdandazzjoni tal-*Pre-Sentencing Report* redatt mill-Uffiċjal tal-Pobation Joanna Farrugia li jgħid:

   ***"Minkejja li skont id-Digriet tal-Qorti kien hemm ammissjoni min-naħa tal-imputat huwa baqa' jisħaq l-innoċenza tiegħu mal-uffiċjal sottoskritta, b'hekk l-uffiċjal mhix f'posizzjoni li tagħti rakkomandazzjoni. Madanakollu jrid jingħad li ma tħossx li huwa kandidat tajjeb għal superviżjoni minħabba n-nuqqas ta' koperazzjoni tiegħu kemm matul l-ordni proviżorja ta' superviżjoni annessa ma' dan il-każ kif ukoll matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport"***.

[45] Ara Ir-Repubbklika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi (Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 ta' Frar 1997) u Il-Pulizija vs Emmanuel Testa (Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002])

u tara li r-rakkomandazzjoni ta' superviżjoni m'hijiex waħda idoneja fiċ-ċirkustanzi tal-każ u konsegwentement il-Qorti qed tagħmel tagħha l-istess rakkomandazzjoni.

*In oltre*, il-Qorti tikkunsidra wkoll illi meta sar it-test tal-urina tal-imputat fl-10 ta' April, 2025 u fil-15 ta' Mejju, 2025, fejn kien instab pożittiv għall-kannabis, l-imputat kien maġġjorenni.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 13(1), l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 31(1)(f), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 261(ċ), l-Artikolu 267, l-Artikolu 279(a), l-Artikolu 579(1), l-Artikolu 579(2), l-Artikolu 286, l-Artikolu 334(a) u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta fost disposizzjonijiet oħra tal-Liġi, **fuq ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat OMISSIS, ssib lill-istess imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu** u in kwantu tal-ewwel u t-tieni akkuża tikkundannah għall-piena ta' sena priġunerija, iżda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hemm lok li tingħata sentenza sospiża a tenur tal-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni (għalkemm mhux fi stadju bikri tal-proċeduri), l-fatt li l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet u l-fatt li l-istess imputat kien minorenni fiż-żmien relattiv tar-reati, tissospendi t-terminu ta' sena priġunerija għal sentejn (2) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur tal-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

In kwantu għat-tielet u r-raba' akkuża tikkundannah għal-ħlas ta' multa (applikabbli għaż-żewġ akkużi b'mod separat) li b'applikazzjoni tad-dettami tal-Artikolu 37(2) u l-Artikolu 31(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kull waħda miż-żewġ multi qed tkun ridotta għal

ammenda fl-ammont massimu *ai termini* tal-Artikolu 13(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' ta' tmienja u ħamsin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23) u għalhekk fl-ammont kumplessiv ta' **mija u sittax -il Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€116.46).**

*In oltre* b'applikazzjoni tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qiegħda tordna li **l-ammont parzjali ta' tliet mitt Euro (€300)** formanti parti minn ammont akbar hekk kif stabbilit fid-digriet tal-4 ta' Jannar, 2022 minn Qorti diversament preseduta li bih l-imputat issa l-ħati ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija personali għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

*In oltre* u b'applikazzjoni tal-Artikolu 382A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti torbot lill-ħatja b'**Ordni tat-Trażżin** fil-konfront tal-partijiet ċivili **Jean Paul Barbara u Fiona Briffa** għal żmien sentejn.

*In oltre* b'applikazzjoni tal-Artikolu 383(1) u l-Artikolu 383(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti tpoġġi lill-imputat, **OMISSIS** issa l-ħati taħt **obbligazzjoni personali** għal żmien **tnax (12)–il xahar mil-lum taħt penali ta' elfejn Ewro (€2000)** milli jimmolesta u / jew jivvessa lil **Jean Paul Barbara u Fiona Briffa**;

Stante li ma rriżultax li kienu magħmula spejjeż peritali, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*Ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**